

- 2) Is-subdiviżjoni politika Ewropea tal-Liberation Tigers of Tamil Eelam (LTTE) għandha tbat i-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- 3) Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għandu jbat i-ispejjeż tiegħu.

(<sup>1</sup>) ĠU C 155, 6.5.2019.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Novembru 2021 – Think Schuhwerk vs EUIPO  
(Rappreżentazzjoni ta' estremitajiet ħomor tal-lazzijiet taż-żraben)**

(Kawża T-298/19) (<sup>1</sup>)

*(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Applikazzjoni għal trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea li tirrappreżenta estremitajiet ħomor tal-lazzijiet taż-żraben – Ċaħda tal-applikazzjoni – Raġunijiet assoluti għal rifjut – Assenza ta' karattru distintiv – Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 – Applikazzjoni preċedenti essenzjalment identika – Assenza ta' awtorità ta' res judicata – Obbligu ta' motivazzjoni – Dritt għal smiġħ – Artikolu 94(1) tar-Regolament 2017/1001 – Eżami ex officio tal-fatti – Artikolu 95 tar-Regolament 2017/1001”)*

(2022/C 24/33)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrent: Think Schuhwerk GmbH (Kopfing, l-Awstrija) (rappreżentant: M. Gail, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Walicka, S. Hanne u M. Eberl, aġenti)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-1 ta' Marzu 2019 (Każ R 1170/2018-5), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' sinjal figurattiv li jirrappreżenta estremitajiet ħomor tal-lazzijiet taż-żraben bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Think Schuhwerk GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 220, 1.7.2019.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Novembru 2021 – Eternit vs EUIPO – Eternit Österreich  
(Panneau de construction)**

(Kawża T-193/20) (<sup>1</sup>)

*(“Disinn Komunitarju – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità – Disinn Komunitarju rreġistrat li jirrappreżenta pannell għall-kostruzzjoni – Disinn preċedenti li jirrappreżenta pannell għal haġt għat-tnaqqis tal-istorbju – Raġuni għal invalidità – Assenza ta' karattru individwali – Settur ikkonċernat – Utent avżat – Grad ta' libertà tad-disinjatur – Assenza ta' impressjoni globali differenti – Rilevanza tal-prodotti realment ikkummerċjalizzati – Artikolu 6 u Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 6/2002”)*

(2022/C 24/34)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: Eternit (Cappelle-au-Bois, il-Belġju) (rappreżentanti: J. Muyltermans u P. Maeyaert, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Ivanauskas u V. Ruzek, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Eternit Österreich GmbH (Vöcklabruck, l-Awstrija) (rappreżentant: M. Prohaska-Marchried, avukat)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-5 ta' Frar 2020 (Każ R 1661/2018-3), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Eternit Österreich u Eternit.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Eternit għandha tbatli l-ispejjeż tagħha stess kif ukoll dawk sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) u minn Eternit Österreich GmbH.

<sup>(1)</sup> ĠU C 201, 15.6.2020.

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Novembru 2021 – KR vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-408/20) <sup>(1)</sup>

*(“Servizz pubbliku – Uffiċjali – Remunerazzjoni – Allowance għal wild dipendenti – Artikolu 2 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal – Kunċett ta’ ‘wild dipendenti’ – Rifjut li jinġhata l-istatus ta’ wild dipendenti lil student li jirċievi borża ta’ studji – Kura effettiva tal-wild – Sistema ta’ assigurazzjoni għall-mard”)*

(2022/C 24/35)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrent: KR (rappreżentant: S. Orlandi, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Bohr u D. Milanowska, aġenti)

### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali (PMO) tal-Kummissjoni tal-25 ta' Ottubru 2019 li ma tibqax tqis wild ir-rikorrent bħala wild dipendenti, fis-sens tal-Artikolu 2 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea, mill-1 ta' Settembru 2019.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) KR huwa kkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 279, 24.8.2020.